

Brussell, 31 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

10445/26
PV CONS 35
AGRI 484
PECHE 232
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
22 u 23 ta' Ġunju 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 10319/26, bl-eċċezzjoni tal-punti 3 u 8, li ġew irtirati, u ż-żieda ta' punt mill-Presidenza, taħt "Affarijiet oħra", dwar is-sitwazzjoni attwali dwar "L-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, il-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni 2028-2034" (punt ġdid 6(g)).

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

SAJD

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 3. L-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, il-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni 2028-2034**
Approċċ ġenerali parzjali



10387/1/26 REV 1

Dan il-punt tneħħa minn fuq l-aġenda.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. **Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2027** [2] 10151/26
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-komunikazzjoni tagħha dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-orjentazzjonijiet għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2027, u kellu skambju ta' fehmiet.

5. **Evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) – It-Triq 'il Quddiem (Gwida Politika)** [2] 9570/1/26 REV 1
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-PKS u kellu skambju ta' fehmiet.

Affarijiet oħra

6. Sajd

- a) **Tħejjija tad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' MedFish4Ever li jmiss** [2] 10690/26
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- b) **L-implimentabbiltà tal-miżuri ta' kontroll tal-UE biex tinżamm il-kompetittività tas-suq Ewropew tas-sajd** [2] 10538/26
Informazzjoni mill-Ġermanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, appoġġata mill-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, u Spanja, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- c) **Is-sajd Ewropew fl-Afrika tal-Punent: perspettivi futuri u l-passi li jmiss li għandhom jittieħdu**  10711/26
Informazzjoni mil-Latvja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja.

Agrikoltura

- d) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**  
- i) **Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni: is-sitwazzjoni attwali** 10718/26
- ii) **Regolament dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati: is-sitwazzjoni attwali** 10390/26
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-punti 6 d) i) u ii) ġew indirizzati flimkien.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tar-Regolamenti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- e) **Monitoraġġ tal-BSE fl-Ewropa: allinjament mal-kriterji tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH)**  10244/26
Informazzjoni mill-Belġju

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, appoġġat mill-Awstrija, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Iżvezja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Portugall, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- f) **Flessibbiltà akbar fir-reġim strett ta' konservazzjoni applikabbli għall-popolazzjoni tal-orsijiet, fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali debitament ġustifikata**  10329/26
Informazzjoni mir-Rumanija u s-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija u s-Slovakkja, appoġġati miċ-Ċekja u l-Finlandja u l-Kroazja, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

Sajd

- g) **Proposta leġiżlattiva attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**



L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, il-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni 2028-2034

10691/26 + COR 1

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tar-Regolament li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, il-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni 2028-2034. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

LAQGĦA TAT-TNEJN It-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026 (10:00)

AGRIKOLTURA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

7. Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna¹
Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri
Skambju ta' fehmiet

10696/26

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

8. **(poss.) Regolament li jemenda l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK u r-regolamenti orizzontali fir-rigward tal-fertilizzanti**
Approċċ ġenerali



10328/26 + ADD 1

Dan il-punt tneħħa minn fuq l-aġenda.

¹ Fil-preżenza tal-Viċi Prim Ministru għall-Integrazzjoni Ewropea u Ewro-Atlantika tal-Ukrajna.

9. Il-Politika Agrikola Komuni ta' wara l-2027: Flessibbiltà, Sussidjarjetà u Obiettivi Komuni tal-UE 7468/26
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-punti 9, 10 b) u 10 c) (inkluż is-subpunti kollha) ittieħdu flimkien.

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar jekk it-test tal-Presidenza laħaqx il-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibbiltà, l-obiettivi sussidjarji u dawk komuni tal-UE.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tad-diskussjonijiet dwar il-proposti tal-PAK għal wara l-2027, il-proposta dwar il-biedja organika u l-proposta mmirata dwar l-OKS, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

Affarijiet oħra

10. Agrikoltura

a) Id-59 Konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti tal-UE (Nikosija, 25-27 ta' Mejju 2026) 10404/26
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-eżitu tal-Konferenza tad-Diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti tal-UE, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

b) Proposti tal-Politika Agrikola Komuni għal wara l-2027: is-sitwazzjoni attwali

i) Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- **Regolament li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt il-PAK** 10721/26
- **Emendi għar-Regolament fir-rigward tal-iskema tal-iskejjel, l-interventi settorjali, is-settur tal-proteini, il-qanneb, l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, id-dazji tal-importazzjoni, id-disponibbiltà tal-provvisti u l-garanziji** 10364/1/26 REV 1

ii) Emendi għar-Regolament tal-Kunsill fir-rigward tal-iskema għall-iskejjel tal-UE 10364/26
Informazzjoni mill-Presidenza

c) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**



- | | | |
|-----|--|----------|
| i) | Regolament li jemenda r-regolament dwar il-biedja organika fir-rigward tar-regoli dwar il-produzzjoni, it-tikkettar, iċ-ċertifikazzjoni u l-kummerċ: is-sitwazzjoni attwali | 10670/26 |
| ii) | Regolament li jemenda r-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel: is-sitwazzjoni attwali | 10723/26 |

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-punti 10 b) u c), inkluż is-subpunti kollha, ittieġdu flimkien mal-punt 9.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)